2025/2581

19.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2581

tat-18 ta' Diċembru 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2144 li jagħmel l-importazzjonijiet tal-proteina mill-piżelli li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li informat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ippubblikat avviż li jniedi investigazzjoni anti-dumping dwar l-importazzjonijiet tal-proteina tal-piżelli li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ([2]) (l-"Avviż tad-29 ta' Awwissu 2025").

(2) Fil-21 ta' Ottubru 2025, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2144 ([3]), il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-proteina mill-piżelli li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni.

(3) Matul l-investigazzjoni, għadd ta' Stati Membri u partijiet interessati ġibdu l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-fatt li l-prodott taħt investigazzjoni jista' jiġi kklassifikat taħt ċerti kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda ("NM") li ma ssemmewx fl-avviż tad-29 ta' Awwissu 2025. Il-Kummissjoni emendat l-Avviż tad-29 ta' Awwissu 2025 biex iżżid dawk il-kodiċi NM u l-kodiċijiet TARIC korrispondenti.

(4) Jenħtieġ li l-importazzjonijiet taħt dawk il-kodiċijiet NM u TARIC ikunu wkoll soġġetti għar-reġistrazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2144 jiġi emendat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2144 għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"*Artikolu 1*

L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-proteina mill-piżelli b'kontenut għoli ta' proteina, li fiha aktar minn 65 fil-mija ta' proteina fuq bażi ta' piż xott, li tinkludi t-tipi kollha tal-proteina mill-piżelli derivati mill-piżelli (inklużi piżelli tal-għelieqi sofor u piżelli tal-għelieqi ħodor iżda mhux limitati għalihom), fil-forom fiżiċi kollha (inklużi forom solidi (eż. trab) u likwidi (soluzzjoni)), kemm jekk tessurizzati kif ukoll jekk le, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM:

— ex 3504 00 90 (kodiċi TARIC 3504 00 90 91),

— ex 2106 10 20 (kodiċi TARIC 2106 10 20 40),

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) ĠU C, C/2025/4850, 29.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/4850/oj.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2144 tal-21 ta' Ottubru 2025 li jagħmel l-importazzjonijiet ta' proteina mill-piżelli li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L, 2025/2144, 22.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2144/oj).

— ex 2106 10 80

(kodiċijiet TARIC:

— 2106 10 80 31,

— 2106 10 80 39 u

— 2106 10 80 71),

— ex 2106 90 92 (kodiċi TARIC 2106 90 92 75),

— ex 2303 10 90 (kodiċi TARIC 2303 10 90 10),

— ex 2309 10 11,

— ex 2309 10 13,

— ex 2309 10 15,

— ex 2309 10 19,

— ex 2309 10 31,

— ex 2309 10 33,

— ex 2309 10 39,

— ex 2309 10 51,

— ex 2309 10 53,

— ex 2309 10 59,

— ex 2309 10 70,

— ex 2309 10 90,

— ex 2309 90 10,

— ex 2309 90 20 (kodiċi addizzjonali TARIC 8G60),

— ex 2309 90 31

(kodiċijiet TARIC:

— 2309 90 31 12,

— 2309 90 31 14,

— 2309 90 31 17,

— 2309 90 31 19,

— 2309 90 31 30,

— 2309 90 31 51,

— 2309 90 31 59,

— 2309 90 31 61,

— 2309 90 31 69,

— 2309 90 31 81 u

— 2309 90 31 91),

— ex 2309 90 33,

— ex 2309 90 35,

— ex 2309 90 39,

— ex 2309 90 41,

— ex 2309 90 43,

— ex 2309 90 49,

— ex 2309 90 51,

— ex 2309 90 53,

— ex 2309 90 59,

— ex 2309 90 70,

— ex 2309 90 91 (kodiċi addizzjonali TARIC 8G60),

— ex 2309 90 96

(kodiċijiet TARIC:

— 2309 90 96 31,

— 2309 90 96 39,

— 2309 90 96 51,

— 2309 90 96 59,

— 2309 90 96 61,

— 2309 90 96 69,

— 2309 90 96 91 u

— 2309 90 96 95)

li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN